KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

4 ta' Lulju 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-tmienja u hamsin (58) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-tmienja u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 1 ta' Gunju 2011 fis-5.45pm.**

It-tmienja u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Risposta ghall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur
6. Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* sal-31 ta' Marzu 2011
7. Ħajt ta' faċċata tal-garaxxijiet ta' Triq il-Fosos
8. Isle of MTV 2011
9. Monti tal-Ħadd
10. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
11. Assoċjazzjoni tal-Furjanizi mhux residenti fil-Floriana
12. Fanali Ornamentali fi Trejqet il-Fosos u fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern
13. Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea : GARDMED
14. Funtana tat-Tritoni
15. Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
16. Publikazzjoni 'Publju ta' Malta'
17. Ħwejjeg Oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-tmienja u hamsin (58) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 2.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.
Is-Sindku stieden lil dawk prezenti jiddedikaw minuta ta' silenzju ghas-Sur John Mary Brincat, ex-Sindku tal-Floriana li kien halla din id-dinja dakinhar stess.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgha u hamsin (57) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-Laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Gasan Mamo Insurance li nformaw li kienu qed izommu lill-Kunsill responsabbli ghal accident stradali li sehh nhar id-29 t'Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrispondi din l-ittra bl-avukat tal-Kunsill.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba li kienet saret mill-Korp tal-Pulizija biex il-Kunsill iwahhal tabelli fi Pjazza San Kalcidonju (bejn Triq il-Konservatorju u Triq l-Argotti) li jippermetti pparkjar ghall-vetturi ufficcjali tal-Pulizija bejn it-8.00 u l-17.00. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta mar-residenti ta' Pjazza San Kalcidonju u jitlob l-opinjoni taghhom u f'kaz li dawn ma joggezzjonawx, il-Kunsill jibghat l-approvazzjoni lill-Pulizija.

**Nota: 17:55 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minn resident rigward *skip* fi Pjazza ES Tonna magenb id-Dar tal-Anzjani fejn talab li din titnehha minn fejn hi minhabba li qed tkerrah l-ambjent. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mill-anzjani ghandu javvicina lid-Dar tal-Anzjani u jara jistax jinstab post alternattiv.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minn resident ghall-parkegg riservat ghad-dizabbli fi Triq il-Konservatorju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba li diga hemm parkegg ghad-dizabbli ftit 'il boghod, fi Pjazza San Kalcidonju.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti fejn talbu permess iwahhlu streamer mar-railing li hemm faccata tal-Kunsill bhala pubblicita' ghall-attivita' Ghanafest. Huma talbu wkoll 4 parkeggi riservati quddiem il-grada tal-Argotti bejn is-6 u t-13 ta' Gunju 2011. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex jitwahhal streamer u lanqas biex jithallew vojta erba' spazji ta' parkegg matul id-dati msemmija.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-offerta' tas-Sur Godfrey Duca li jipproduci cufflinks, tie pins u lapel badges. Il-Kunsill qabel li ghalissa m'ghandux bzonn dan is-servizz izda ghandu jikkunsidra din l-offerta' f'kaz ta' bzonn fil-futur.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Francis Galea, l-editur tal-pagna letterarja tal-gazzetta it-Torca, li talab kopja tal-ktieb *Reminiscences of childhood in Floriana* biex jiddedika pagna ghal dan il-ktieb fil-gurnal tieghu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 18:20 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Karl De Flavia li offra skont ta' 2% mit-total dovut lilu ghax-xoghol li sar fis-sala tal-komunita' fid-Dar tal-Kunsill, jekk il-Kunsill japprova li jhallas 96% tas-somma issa minflok 60% kif imnizzel fil-kuntratt. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies, tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni ta' din it-talba, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, FD, NH, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:23 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kap tad-Dar tal-Anzjani li talbet li tigo organizzata harga f'Ghawdex konguntament mal-Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb it-trasport ghal din il-harga, sa massimu ta' €120.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Carmel Portelli fejn informa lill-Kunsill b'cerimonja tat-tieg li ser issir fil-kunvent tal-Kapuccini nhar id-9 ta' Lulju 2011 u talab il-permess tal-Kunsill biex dakinhar ikunu jistghu jinzammu vojta l-ispazji ta' parkegg fi Triq l-Isqof FX Fenech. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba li l-policy tal-Kunsill tippermeti massimu ta' 4 spazji ta' parkegg allokati ghal attivitajiet simili.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Policy Co-ordinator fi hdan is-Segretarjat Parlamentari tal-Kunsilli Lokali, fejn talbet lill-Kunsill jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu rigward it-talba ghall-permess biex tittella' attivita' mill-grupp Cable35 fejn ir-ristorant Lo Squero. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill li qabel ma l-Kunsill ircieva din il-korrispondenza, kienet saret konsultazzjoni mar-residenti li jiffrekwentaw iz-zona msemmija u dawn ma kienux sabu oggezzjoni li z-zona tinghalaq ghal dakinhar. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot sabiex il-Kunsill jibqa' jsostni l-oggezzjoni tieghu, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (FD, NH)
Kontra: 3 (SSH, ET, VB)
Astensjonijiet: 0

Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandu jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu u jaghti l-permess tieghu biex tittella' attivita' hdejn ir-ristorant Lo Squero anke ladarba r-residenti li jiffrekwentaw din iz-zona ma kienux sabu oggezzjoni.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex isir uzu mis-sala tal-komunita' fid-Dar tal-Kunsill ghal seminar dwar "Kif il-Kunsilli Lokali jistghu jippromwovu ahjar il-lokalita' taghhom ghat-turisti". Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li ghandu jinforma lid-Dipartiment li fil-futur, l-uzu tas-sala kien ser ikun bi hlas.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand is-Sur Frank Micallef li talab li jitnehhew l-ispazji ta' parkegg minn fuq naha wahda ta' Triq is-Suq minhabba li t-triq kienet dejqa u ghalhekk vetturi pparkjati fuq naha minnhom tat-triq kienu qed isibuha difficli biex johorgu mill-ispazji ta' parkegg u ta' sikwit kienet tintlaqat xi vettura pparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-linji gwida mahruga minn Transport Malta u f'kaz li t-triq hija kkunsidrata dejqa wisq skond il-linji gwida, il-Kunsill ghandu jiehu l-azzjoni necessarja sabiex jitnehhew l-ispazji ta' parkegg minn naha minnhom.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Dion Galea ghal xoghol ta' garr, zebgha

u twahhil ta' bollards fi Pjazza San Publju, total ta' €360. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand JGC Ltd. ghal xoghol ta' manutenzjoni fil-picc sintetiku tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li hemm bzonn li jsiru kull erbgha xhur biex tinzamm il-validita' tal-garanzija. Il-Kunsill approva.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Floriana F.C. fejn talbu lill-Kunsill biex il-pubblikazzjoni ta' edizzjoni specjali tal-Evergreen tinhareg kongutament mal-Kunsill Lokali bhalma jsir fil-pubblikazzjoni annwali. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg kienu favur l-approvazzjoni ta' din it-talba izda s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Franco Davies u l-Kunsillier Edward Torpiano kienu kontra li l-Kunsill jilqa' din it-talba. Ghalhekk il-Kunsill ma laqax it-talba tal-Floriana F.C. u qabel li ghandu jiehu hsieb biss il-pubblikazzjoni annwali tal-Evergreen bhal m'ghamel fis-snin ta' qabel.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni ghal souvenir programme, total ta' €420 + VAT. Il-Kunsill qabel nem.con.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand l-Inginier Stephen Buttigieg ghall-preparazzjoni ta' sejha ghall-offerti ghall-installazjoni ta' uplighters quddiem id-Dar tal-Kunsill, total ta' €500 + VAT. Il-Kunsill qabel.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghar-rapport mahrug mill-MEPA rigward il-bankini ta' Triq San Frangisk u saqsa jekk il-Kunsill ghandux jiehu hsieb isib lil xi hadd biex jaqtaghhom sabiex jigu mahzuna ghall-futur. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jiehu parir mill-Perit tal-Kunsill biex jara jekk dan hux possibli u jekk huwiex *cost effective* li jsir dan il-process.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku dwar jekk Transport Malta hadietx azzjoni fuq ix-xoghol hazin li sar fi Triq is-Suq bil-konsegwenza li hafna residenzi privati fi Triq is-Suq kien qed jidhlilhom l-ilma minhabba li wara x-xoghol li sar ghall-installazzjoni ta' three phase, it-triq baqghet izzomm hafna ilma. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jerga' jikteb lit-Transport Malta biex jinformahom bis-sitwazzjoni u jitlobhom jiehdu azzjoni dwar dan.

**Nota: 19:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **53-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 19:10 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda msemmija f'4.1.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9591 sa 9674, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Risposta ghall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega r-risposta li l-Kunsill ser jibghat ghall-ittra ta' direzzjoni tal-Awditur li giet iccirkulata precedentament lill-Kunsilliera.

5.2 Wara li l-Kunsill iddiskuta r-risposta ghall-ittra ta' Direzzjoni tal-Awidtur, il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, favur l-approvazzjoni tar-risposta ghall-ittra ta' direzzjoni mibghuta mill-Awditur, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* sal-31 ta' Marzu 2011

6.0 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettal il-Quarterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2011.

6.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport finanzjarju imsemmi hawn fuq, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, favur l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2011, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 7.0 Ħajt ta' faċċata tal-garaxxijiet ta' Triq il-Fosos

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tiftah id-diskussjoni ladarba kienet hi li talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

7.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn resident li joqghod fl-inhawi, li parti mis-sur fi Triq il-Fosos kienet qed taqa' u ghalhekk kien hemm periklu kbir ghal min ikun ghaddej minn taht is-sur. Il-Kunsilliera Sammut Hili talbet li jsir xi haga mill-aktar fis qabel ma jwegga xi hadd.

7.3 Il-Kunsill qabel li din hija materja urgenti hafna u ghalhekk qabel li ghandu jinforma lid-Dipartment tal-Artijiet b'din is-sitwazzjoni u jitlobhom jiehdu azzjoni mill-aktar fis.

## 8.0 Isle of MTV 2011

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi fakkar li l-Kunsill kellu jiehu hsieb li jressaq pjanta ta' fejn ser jitqeghdu l-mobile toilets matul din l-attivita'.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li wara d-decizjoni tal-Bord ta' Governanza, liema kaz

jinsab ukoll quddiem il-Qorti Civili, l-Kunsill irid johrog permessi lill-gabbani anke jekk l-organizzaturi tal-attivita' jkunu applikaw ghall-esklussivita' taz-zona. Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna r-risposta ghall-ittra mibghuta minnu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qabel ma jiehu decizjoni. F'kaz li ma jkunx ghad hemm risposta sat-3 ta' Gunju 2011, il-Kunsill qabel li ghandu johrog permessi ghall-gabbani fi Triq Sarria (bejn Triq San Tumas u Pjazza E.S Tonna).

8.3 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fl-arrangamenti li kellhom isiru rigward l-gheluq ta' toroq biex il-pubbliku ma jghaddix minn certu toroq residenzjali u jonqsu l-abbuzi li s-soltu jsiru mad-djar tar-residenti. Il-Kunsillier Borg semma li l-Kunsill kien issottometta pjanta lill-organizzaturi fejn hemm indikat l-gheluq ta' dawn it-toroq.

## <u>9.0 Monti tal-Hadd</u>

9.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi nforma li l-Kunsill kien talab li jitwahhlu tabelli ta' direzzjoni ghall-monti ta' hdejn il-Park n' Ride minhabba li hafna turisti kienu qed isibuha difficli jsibu dan il-monti.

9.2 Barraminhekk, is-Sindku Nigel Holland semma li l-Kunsill Lokali qed ikollu johrog spejjez zejda minhabba dan il-monti u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Onor. Chris Said u lill-Onor. Jason Azzopardi biex jitlob kumpens ghax-xoghol li qed jiehu l-Kunsill kemm ilu li l-monti beda' jarma fil-Floriana.

9.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano nforma lill-Kunsill li ghalkemm id-Dipartiment tal-Kummerc kien wieghed lill-Kunsill li kien ser jipprovdi *mobile toilets* kull nhar ta' Hadd, dawn il-*mobile toilets* kienu ghadhom qatt ma gew pprovduti u ghalhekk, kien qed ikun hemm hafna ilmenti mill-bejjiegha tal-monti kif ukoll mill-vizitaturi.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-procedura fejn jekk bejjiegh jonqos milli jarma sitt darbiet in fila, dan jitlef postu u tali post seta' jinghata lil haddiehor. Huwa kompla jghid li l-Kunsill kien mexa ma' din il-procedura u kien irrevoka il-posti ta' dawk li naqsu milli jarmaw ghal sitt darbiet konsekuttivi.

9.5 Peress li l-Kunsill qed ikollu kazijiet fejn persuni li ma jarmawx jipprezentaw certifikat mediku, is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill ghandux jibda jikkunsidra u jilqa' certifikati medici li jkunu gew ipprezentati.

9.6 Il-Kunsill iddecieda biex il-Kunsill jaccetta bhala raguni valida ta' nuqqas ta' attendenza f'kaz li bejjiegh tal-monti jipprezenta certifikat mediku qabel ma tigi revokata l-posta. F'kaz li dan ic-certifikat jigi pprezentat wara li tkun diga giet irrevokata l-posta, il-Kunsill ma jkunx jista' jaccetta dan ic-certifikat u l-bejjiegh tal-monti ghandu d-dritt li jappella mid-decizjoni tal-Kunsill mal-bord tal-Appelli fi hdan it-Trade Licencing Unit.

9.7 Il-Kunsill ghandu jsaqsu lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc biex jaghti parir dwar kemm ghandu jkun it-terminu ta' zmien ta' kemm posta tista' ma tintramax minhabba raguni valida.

**<u>Nota: 20:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.</u>**

## <u>10.0 Genna ta' gonna...u hafna aktar!</u>

10.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi nforma lill-Kunsill li fid-data deciza mill-Kunsill - it-2 t'Ottubru 2011, ser ikollha tinbidel peress li fil-jum ta' qabel ser tigi organizzata in-Notte Bianca.

**Nota: 20:10 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

10.2 Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' ta' din is-sena tigi organizzata fit-23 ta' Ottubru 2011.

10.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies ppropona li ghall-okkazjoni ta' din l-attivita' ghandha tinfetah il-mina tal-ferrovija ghall-pubbliku. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 11.0 Assoċjazzjoni tal-Furjanizi mhux residenti fil-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ppropona li l-Kunsill jghin biex tigi ffurmata Assocjazzjoni tal-Furjanizi mhux residenti fil-Floriana. Is-Sindku kompla li l-ghan ta' din l-Assocjazzjoni ghandu jkun biex il-Furjanizi li ma baqghux jghixu fil-lokalita' jibqghu ihossuhom parti integrali mill-Floriana u jibdew jghinu fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet billi jaghtu l-opinjonijiet u s-suggerimenti taghhom.

11.2 Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u qabel li ghandu joffri wkoll il-bini tal-Kunsill biex ikunu jistghu isiru il-laqghat ta' din l-assocjazzjoni sakemm dan isir fil-hinijiet tal-ufficcju jew waqt li jkun hemm xi kunsillier fil-bini tal-Kunsill.

## 12.0 Fanali Ornamentali fi Trejqet il-Fosos u fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern

12.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill iwahhal fanali ornamentali fi Trejqet il-Fosos u fi Trejqet l-Imhazen peress li dawn jaghmlu atmosfera sabiha hafna f'toroq dojoq.

12.2 Il-Kunsill approva dan is-suggeriment u qabel li ghandhom jitwahhlu 3 fanali ornamentali f'dawn iz-zewg toroqo.

12.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jitwahhlu tliet fanali ornamentali ohra fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern; wiehed fin-nofs u tnejn fil-bitha. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Enemalta biex dawn jigu mqabbdin mad-dawl tat-triq.

## 13.0 Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea : GARDMED

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi spjega f'hiex jikkonsisti dan il-progett. Huwa kompla jghid li biex jiggestixxi dan il-progett hemm kumitat iffurmat minn rapprezentati tal-partners kollha.

13.2 Is-Sindku kompla jghid li minhabba li hafna mil-laqghat isiru l-Italja, il-Kunsill kien gie mitlub jipproponi rapprezentant li jkun jista' jattendi ghal dawn il-laqghat. Il-Kunsill qabel nem.con li r-rapprezentant tal-Kunsill ghandu jkun is-Segretarju Ezekuttiv u f'kaz ta' diffikulta', is-sostitut tieghu ghandu jkun il-Kunsillier Edward Torpiano.

## 14.0 Funtana tat-Tritoni

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetha id-diskussjoni dwar din il-materja billi rega sostna li qed jircievi bosta kummenti minn diversi nies, dwar il-fatt li l-Kunsill ghandu juri d-dizapprovazzjoni tieghu li tigi rilokata l-Funtana tat-Tritoni billi jhejji petizzjoni.

14.2 Huwa kompla jghid li fil-granet li gejjin il-Kunsill ser jifformalizza din il-petizzjoni u li ser tkun miftuha ghall-pubbliku in generali biex titressaq lill-Gvern Centrali.

## 15.0 Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

15.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mis-Sur Glenn Dalli u mis-Sur Karl De Flavia fejn informaw lill-Kunsill bis-sitwazzjoni tal-gabbana u pproponew li jsir arrangament ghall-meters tad-dawl u tal-ilma fl-istess gabbana.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li kien hemm min ippropona biex il-Kunsill jixtri hu stess il-meters tad-dawl u tal-ilma biex ma tinholoqx problema kull darba li tinhareg sejha ghall-offerti u jkun hemm bidla fil-kuntrattur tal-gabbana. Is-Sindku Nigel Holland kompla li huwa ma jaqbilx ma' din il-proposta u li l-kuntratturi ghandhom jirrangaw bejniethom kull darba li jkun hemm bidla.

**Nota: 20:45 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

15.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni li l-Kunsill jixtri l-meters tad-dawl u tal-ilma, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, FD)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

15.4 Wara kontro-mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot kontra li l-Kunsill jixtri l-meters tad-dawl u tal-ilma, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 2 (VB, FD)
Astensjonijiet: 0

15.5 Ghalhekk, il-Kunsill ma qabilx li ghandu jixtri l-meters tad-dawl u tal-ilma tal-gabbana fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u qabel li ghaldaqstant il-kuntratturi l-godda ghandhom ihallsu €1000 lill-Kunsill Lokali tal-meters tad-dawl u ilma fejn allura huma ikollhom id-dritt li jitolbu l-istess hlas lill-kuntrattur li jiehu l-kirja tal-gabbana wara li tispicca l-kirja taghhom.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-kuntratturi prezenti biex jithallew jaghmlu uzu mill-kamra tal-watchman u mill-kamra tas-sur biex jintuzaw ghall-operat taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

15.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-kuntratturi prezenti biex jithallew ipoggu high tables fil-passagg li hemm quddiem il-gabbana mas-sur. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jinformahom li dan il-permess jista' jigi revokat fi kwalunkwe hin u meta il-Kunsill jidhirlu xieraq.

15.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-M.U.S.E.U.M. sabiex tittella' l-attivita' Sajda Muzewmina fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V bejn l-4 u t-8 ta' Lulju 2011.

**Nota: 20:55 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili attendiet ghal-laqgha.**

## 16.0 Pubblikazzjoni ta' "Publju ta' Malta"

16.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'kitbiet li kien kieteb rigward il-patrun San Publju u ppropona li ssir pubblikazzjoni ta' dawn il-kitbiet bl-isem ta' "Publju ta' Malta".

16.2 Is-Sindku Nigel Holland iddikjara l-interess tieghu personali minhabba li dawn il-kitbiet saru minnu minkejja li mhu qed jitlob l-ebda hlas.

**Nota: 21:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat. Il-Vici Sindku kompla jippresiedi l-laqgha.**

16.3 Il-kumplament tal-Kunsill qabel fil-principju li l-Kunsill jippubblika din il-publikazzjoni wara li jinkisbu l-kwotazzjonijiet necessarji.

## 17.0 Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn genituri li t-tfal taghhom jattendu l-iskola primarja tal-Floriana u li nformawha li s-Surmast tal-iskola informahom li ma kienx ser jorganizza quddiesa wara c-cerimonja tal-precett, bhal ma jsir kull sena. Huma kienu talbu lill-Kunsill sabiex jintervjeni u jitolbu jirrikunsidra din id-decizjoni. Il-Kunsill qabel li avolja ma kellux awtorita' fuq id-decizjonijiet edukattivi tal-iskola primarja, kien ser ikellem lis-Surmast biex forsi jintlahaq kompromess u l-quddiesa ssir xorta.

17.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li tintalab kwotazzjoni minn issa ghat-tindif wara s-celebration party li ser isir mill-Floriana F.C. nhar l-10 ta' Gunju 2011. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet dwar dan.

17.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li t-*traffic calmer* li hemm fi Triq San Frangisk ghandha biccha nieqsa u ghalhekk kienet ta' periklu ghall-karozzi kif ukoll setghet tikkaguna hsara lill-vetturi. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-haddiema tal-Kunsill jiccekkjaw x'jista' jsir dwar dan.

17.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn persuna b'dizabbilta' li talbet li ssir rampa hdejn iz-zebra crossing li hemm hdejn il-Phoenicia sabiex tkun tista' titla' l-bankina. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi dan l-ilment lill-Transport Malta.

17.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ilment minn residenti tal-Housing Estate rigward is-soft area li hemm fil-vicin li ma kelliex bizzejjed hamrija. Huwa kompla jghid li kien talab kwotazzjoni minghand Dion Galea biex timtela' din is-soft area bil-hamrija ghall-prezz ta' €180. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

17.6 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bi sprall sfrundat fi Triq San Publju u propona li l-Kunsill jimla d-dawra bis-cement biex ma jibqax ta' periklu. Il-Kunsill qabel.

17.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bit-talba tas-Sur Norman Hamilton fejn talab li l-Kunsill joffrilhom il-banner tas-Sur Norman Hamilton li kien twahhal fi Triq il-Miratur. Il-Kunsill qabel li ghandu joffri dan il-banner b'xejn bhala ringrazzjament ghall-ghajnuna taghhom matul l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

17.8 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bit-talba tal-Assocjazzjoni King Zone Malta Regiment fejn talbu lill-Kunsill jirranga l-plakka tal-monument tal-KOMR. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjahom u jinformahom li dan il-monument ma kienx jaqa' taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

**Nota: 21:10 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

17.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-oggezzjoni tal-Kunsill rigward il-permess RWP1-0429/11 u saqsa kif dan il-permess kien gie approvat xorta wahda minkejja l-oggezzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Transport Malta u jsaqsi ghaliex il-permess kien inhareg xorta wahda u ghalfejn l-oggezzjoni tal-Kunsill ma kenitx giet ikkunsidrata.

17.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni biex torganizza Summer League fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill approva u qabel ukoll li ghandu jahtar Kummissarju tal-Bord tad-Dixxiplina biex jirregola l-loghbiet.

17.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill bis-suggeriment ta' resident biex il-Kunsill jorganizza barbeque fil-picc tal-bocci. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jsaqsi lill-klabb tal-bocci jekk humiex lesti joffru l-post taghhom biex ikun jista' jsir dan il-barbeque.

17.12 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex torganizza harga ghal Kemmuna f'Lulju. Il-Kunsill qabel u offra wkoll li jiehu hsieb it-trasport sac-Cirkewwa u lura.

17.13 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn kien ghad hemm xi affarijiet tal-kuntrattur precedenti li kienu ghadhom ma tnehhewx. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lis-Sur Mark Galea jizgombra l-gabbana minn kollox fi zmien gimgha inkella l-Kunsill ikun ristrett jiehu passi ulterjuri kif stipulat mil-ligi.

17.14 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li tintalab kwotazzjoni lill-kuntrattur li jiehu hsieb il-latrini pubblici, biex ikun hemm attendant mal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011 fis-2:30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.30.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |